**PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-15 TA’ NOVEMBRU, 2022**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors nru. 602/2022 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Duncan Bonnici u Marica Bonnici**

## Il-Qorti:

1. Din hija sentenza dwar talba tal-HSBC Bank Malta p.l.c. fejn qed titlob li trendi mill-ġdid eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha naxxenti minn kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li hija għandha mal-konvenuti.

2. Il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. (aktar ‘ isfel imsejjaħ **il-bank attur**) ippreżenta rikors fil-11 ta’ Lulju 2022 kontra Duncan u Marica konjuġi Bonnici (aktar ‘l isfel imsejħa **il-konvenuti Bonnici**) li permezz tiegħu ippremetta u talba is-segwenti:

   Illi r-rikorrenti ghandu titlu ezekuttiv naxxenti minn kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tal-4 ta’ Marzu 2010

fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa u li permezz tieghu l-intimati Bonnici ikkostitwew ruhhom debituti likwidi, certi u dovuti favur il-Bank hemm indikati (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

Illi ghal kull buon fini jinghad illi l-Bank renda ezegwibbli dan it-titlu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali numru 264/11 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B) izda galadarba ghaddew aktar mill-hames snin mill-kuntratt imsemmi u galadarba wkoll l-intimati ghadhom debituri tal-Bank rikorrenti, kif jixhed il-prospett hawn anness u mmarkat Dok C, is-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimati ghall-bilanc li ghad hemm dovut;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn hames snin mid-data tal-kuntratt u li d-dejn ghadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. B'digriet tas-26 ta' Lulju 2022 il-Qorti ordnat in-notifika lill-konvenuti Bonnici bil-fakolta' ta' risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika lilhom u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022.

4. Il-konvenuti Bonnici ġew notifikati fil-11 ta' Awissu 2022 iżda ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022.
5. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022 rappreżentant tal-bank attur iddikjara illi fil-mori tal-kawża l-konvenuti kienu effettwaw xi pagamenti akkont iżda d-dejn kien għadu dovut.

6. Il-Qorti ħalliet il-kawża għallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti**.

7. Jirriżulta mill-provi dokumentarji ppreżentati mill-bank attur illi b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitur ippubblikat min-Nutar Dott. Nicholas Briffa fl-4 ta' Marzu 2010 il-konvenuti Bonnici ikkostitwew ruħhom veru, certi u likwidi debituri tal-bank attur fis-somma komplessiva ta' sitta u sittin elf, tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€66,887.14) bl-imgħax bi 8% dekorribbli sal-pagament effettiv tal-ammont dovut.

8. Fil-25 ta' Jannar 2011 il-bank attur kien ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenuti Bonnici fejn interpellhom sabiex iħallsu s-somma ta' €66,136.30 u fin-nuqqas kienu ser jittieħdu passi ulterjuri in eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li l-bank attur kellu kontra l-konvenuti bis-saħħa tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

9. Prospett datat 4 ta' Lulju 2022 ippreżentat mill-bank attur jiċċertifika illi l-ammont dovut f'dak il-jum mill-konvenuti Bonnici lill-bank attur kien ta' aktar minn €81,104.93 u cioe, €55,916.25 bilanċ tal-kapital dovut oltre €25,188.68 imgħax akkumulat.

10. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2022 rappreżentant tal-bank attur iddikjara illi fil-mori tal-kawża l-konvenuti kienu effettwaw xi pagamenti akkont iżda d-dejn kien għadu dovut.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

11. Il-bank attur isejjes l-azzjoni minnu intavolata fuq l-**Artikolu 258 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> Wara –
> […]
> ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,
>
> l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.

12. **Artikolu 253 tal-Kap 12** jipprovdi illi:

> Huma titoli esekuttivi:
> […]
> (b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt

Minn eżami taż-żewġ artikoli tal-liġi appena ċitati jemerġu s-segwenti konsiderazzjonijiet dwar l-elementi tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap 12:

13. Kreditur li jgawdi minn titotlu eżekuttiv kontra d-debitur tiegħu għandu terminu statutorjament sakemm jista' jeżegwixxi tali titolu eżekuttiv;

14. Skadenti dak it-terminu it-titolu jitlef is-saħħa eżekutiva tiegħu sakemm il-kreditur jadixxi l-Qorti għall-awtorizzazzjoni sabiex jkun jista' jiprosegwi bl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv;

15. Fil-proċedura għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja imsemmija l-kreditur irid bil-ġurament tiegħu jiddikjara illi l-intimat għadu debitur tiegħu għas-somma intiera jew għal parti minnha;

16. Huwa miżmum illi rrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont speċifiku. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoe` li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu eżekuttiv favur il-kreditur[1];

17. F'kawża tax-xorta bħal dik odjerna ma hux mogħti lill-konvenut illi jqajjem eċċezzjonijiet li jirreferu għall-mertu tal-kwistjoni tal-partijiet qabel inħoloq it-titolu eżekuttiv; irrispettivament jekk tali titolu eżekuttiv twelidx minn sentenza, lodo arbitrali, kuntratt pubbliku jew mezz idoenu ieħor.

18. Il-kreditur ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex jagħti l-

[1] **Bank of Valletta plc vs Refco Co Ltd** – Prim' Awla - 12 ta' April 2012; Ara wkol **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et** - Prim'Awla - 18 t'April 2002.

ħajja mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun temporanjament tilef is-saħħa eżekutiva tiegħu[2].

19. Konsiderazzjonijiet dwar il-bilanċ preċiż dovut mhux strettament rilevanti għall-proċeduri taħt l-Artikolu 258. Una volta jirriżulta li għad hemm bilanċ dovut t-titolu eżekuttiv jingħata mill-ġdid is-saħħa eżekutiva tiegħu. Meta l-kreditur jipproċedi bl-atti eżekutivi, l-partijiet ikollhom għad-disposizzjoni tagħhom ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi[3];

20. Il-Qorti tqis illi ir-rekwiżiti stipulati f'Artikolu 258 (c) tal-Kap 12 ġew sodisfatti mill-bank attur. L-Avukat Ralph Agius Ferrante ikkonferma bil-ġurament tiegħu fuq ir-rikors promotur illi l-konvenuti Bonnici kienu għadhom debituri tal-bank attur fis-somma ta' wieħed u tmenin elf, mija u erba' Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€81,104.93).

21. Dak dikjarat bil-ġurament mir-rappreżentant tal-bank attur ma ġie bl-ebda mod kontradett mill-konvenuti.

22. Għalhekk it-talba attriċi timmerita li tiġi akkolta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. **Tilqa'** t-talba tal-bank attur,

[2] **John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe** - Qorti tal-Appell - 29 ta' Mejju 1997;
[3] **Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella** - Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 1988;

2. **Bis-saħħa** tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tawtorzza lill-bank attur jeżegwixxi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat min-Nutar Dott. Nicholas Briffa fl-4 ta' Marzu 2010 sabiex il-bank attur jitħallas il-bilanċ lilu dovut mill-konvenuti Bonnici.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Bonnici.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Novembru 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**